MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 113/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lawrence Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Gauci talli nhar is-27 ta' Dicembru 2001 waqt li kien fl-ghelieqi maghrufa bhala tal-Qarbuni li jinsabu f'San Pawl il-bahar bla hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Emanuel Micallef fil-pussess ta' hwejgu u/jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg Emanuel Micallef;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2004 li permezz

taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Lawrence Gauci hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ erbghin liri Maltin (Lm40);

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Lawrence Gauci pprezentat fis-17 ta’ Mejju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Victor Ragonesi ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li l-aggravju tieghu jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza appellata ma haditx in konsiderazzjoni l-provi kollha li saru, u li l-konkluzjonijiet tal-Perit Valerio Schembri huma zbaljati fattwalment.

Minn dan huwa evidenti li l-appell jippernja fuq kwistjoni ta' apprezzament tal-provi. Issa huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta'**

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li:

a. Huwa ghandu ghalqa li ghaliha kien jaccedi minn passagg bir-rigel.
b. Emanuel Micallef, li ghamel ir-rapport kontra l-appellant, ghandu ghalqa li tinsab izjed 'l isfel minn dik ta' l-appellant.
c. F'certu zmien l-appellant wessa' l-passagg u ta fuqu l-konkos.
d. L-appellant ircieva direttiva mill-familja d'Andria, li ghandha in proprjeta` ghelieqi fil-post, biex il-passagg bir-rigel jerga' jaghmlu wiesa' kif kien qabel. L-appellant hekk ghamel, halla passagg ta' bejn tlieta u erba' piedi, bhalma kien qabel, bhala passagg bir-rigel, liema passagg ghandu wicc tal-konkos biex wiehed ma jinzilx fil-hamrija meta taghmel ix-xita.
e. Dan il-passagg ghadu jezisti, ma hemm ebda cint li jostakola l-access tieghu, u fil-fatt waqt l-access dawk kollha li kienu prezenti ghaddew minn dak il-passagg biex nizlu izjed 'l isfel mit-triq li hija adjacenti ghall-passagg.

L-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hi dik ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno

---

**Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[2]

Fil-kaz in ezami fix-xiehda tieghu l-appellant bazikament jikkonferma l-fatti kif esposti fir-rikors ta' appell tieghu. Fuq domanda tal-Qorti jghid ukoll li l-art tal-konkos qalaghha meta Emanuel Micallef diga` kellu f'idejh l-ghalqa izjed 'l isfel minn dik ta' l-appellant. Dan ifisser li bhala stat ta' fatt Emanuel Micallef kien diga` beda jaghmel uzu minn passagg mghotti bil-konkos li l-appellant jghid li kien tqieghed minnu stess, jigifieri mill-appellant. L-appellant jghid ukoll li qala' l-konkos fuq struzzjonijiet ta' sid l-art; izda ma jidhirx li agixxa hekk kif, allegatament, sid l-art tah dawn l-istruzzjonijiet. Agixxa meta bdew il-problemi ma' Emanuel Micallef. Anke jekk stess agixxa fuq struzzjonijiet tas-sid, galadarba kien hemm persuna qed taghmel uzu minn passagg mghotti bil-konkos, ma setax jaqbad u *di privato braccio* jaqla' dak il-konkos. Wara kollox ir-reat ta' *ragion fattasi* huwa meqjus bhala delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja u amministrazzjonijiet pubblici ohra. Ghalhekk anke fil-kaz ta' ko-pussessuri dak li hu mehtieg hu li huma "jaghmlu, kull wiehed minnhom, uzu ragonevoli mill-oggett b'mod li ma jkunx jista' jinghad li wiehed qed jippriva lill-iehor mit-tgawdija ragonevoli ta'

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

dak l-oggett" (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Georgina Gauci**, 7 ta' Jannar 1998, Vol. LXXXII.iv.76). Bl-agir tieghu l-appellant ippriva lil Emanuel Micallef mit-tgawdija tal-passagg kif kien qabel ma l-appellant qala' l-konkos, u dan bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap. 9. Ghalhekk l-appell tieghu huwa infondat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------